MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2005

Appell Kriminali Numru. 110/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur J. Agius)**
**Vs**
**Joseph Camenzuli**

**Il-Qorti:**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'April, 1999, u fl-ahhar xhur ta' qabel fir-raba maghrufa bhala "Ta' Giza" jew "Ir-Razzett ta' Puldu", limiti ta' B'Bugia, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, ghalaq permezz ta' filata gebel tas-sejjieh u hafna zkuk il-fetha li kienet isservi ta' bieb bejn ir-raba msemmija ghad-detriment ta' Theresa Gafa', Mary Gafa' w Adriana Fenech, kollha minn Hal-Ghaxaq.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-7 t’April, 2005, li biha wara li rat l-artikoli 85 tal-Kap. 9, artikolu 377(3) tal-Kap. 9, l-artikolu 22 tal-Kap. 446, sabet lill-appellant hati skond l-akkuza w, wara li lliberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur, ipprefigiet terminu ta’ xahar li fih l-appellant kellu jizblokka l-fetha bejn ir-raba kif imsemmija fic-citazzjoni w jhalli fetha ta’ tlett piedi wisa’ b’hajt tas-sejjieh fuq kull naha, sabiex jaghti access liberu lil kwerelanti u dana b’LM2 amenda kuljum fin-nuqqas.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 t’April, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tikkancella s-sentenza appellata fejn sabet lill-esponent hati skond l-akkuza w konsegwentement tilliberah minn kull htija w piena skond il-ligi.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe’:- 1. li l-vertenza bejn l-appellant u l-kwerelanti hija purament ta’ natura civili. Di fatti appena l-appellant kien gie notifikat b’ citazzjoni fl-ismijiet “Theresa armla minn Joseph Gafa’ et vs. Joseph u Tessie konjugi Camnenzuli” u dan meta gja kienu fi stadju avvanzat il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati , l-appellant kien issottometta li fic-cirkostanzi kellu jkun hemm soprassessjoni tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati sakemm jigi deciz l-ezitu tal-kawza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili. L-Ewwel Qorti pero’ ma laqghetx din is-sottomissjoni . Meta umbaghad fil-kawza civili b’ sentenza tal-11 ta’ Dicembru, 2003, gie rikonoxxut li l-appellant kien qed jiddetjeni l-art li fuqha l-kwerelanti qed jivvantaw dritt minnghand terzi u f’ isem dawn it-terzi, u esebixxa kopja tal-istess sentenza quddiem l-Ewwel Qorti fid-19 ta’ Jannar, 2005. jidher li minn imkien ma rrizulta li l-kwerelanti jew l-awtur taghhom kien il-proprjetarju ta’ l-art li ghal fuqa ivvantaw access. Ghalhekk l-ewwel Qorti qatt ma setghet tordna li l-fetha tickien u li jibqa’ bieb ta’ tlitt piedi. X’ raguni hemm li jibqa’ l-bieb meta l-kwerelanti m’ghandhomx dritt jidhlu fuq l-art**

**detenuta mill-appellant ? 2. minghajr pregudizzju , ladarba l-kwerelanti kienu ressqu proceduri ta' natura petitorja quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili , l-Ewwel Qorti kellha tissospendi l-inkariku moghti lill-perit legali. Dar-rapport aktar holoq komplikazzjonijiet ghax ma kienx kompitu tal-perit legali li jiddikjkara li l-kwerelanti jippossjedu in-nofs indiviz ghax din material purament civili. Ladarba ma jirrizultax li l-kwerelanti kellhom titolu , l-analisi tal-perit legali kellha tieqaf hemm u l-appellant kellu jigi liberat .**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu li l-vertenza bejn il-kwerelanti w l-appellant kienet wahda purament ta' natura civili w li l-Ewwel Qorti ma ssoprassedietx meta kien hemm proceduri petitorji quddiem il-Prim' Awla dwar l-istess art. Issa dejjem gie ritenut li att illegali jista' jaghti lok kemm ghall-azzjoni civili kif ukoll ghall-azzjoni kriminali w r-reat ta' *ragion fattasi* hu wiehed li facilment u normalment jista' jaghti lok ghall-ezercizzju taz-zewg azzjonijiet. Umbaghad skond l-artikolu 5 tal-Kodici Kriminali, l-azzjoni kriminali w l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement wahda mill-ohra w konsegwentement ma hemm ebda obbligu li xi Qorti tissoprassjedi sakemm jigi deciz l-ezitu ta' kawza quddiem xi Qorti ohra.**

**Fil-kaz prezenti umbaghad il-mertu tal-kawza civili li ghamlu l-kwerelanti kien differenti mill-mertu ta' din il-kawza. Di fatti fil-waqt li f' din il-kawza il-mertu hu il-legalita' o meno mill-aspett penali tal-att tal-appellant li bih ghalaq il-fetha fil-hajt li jifred iz-zewg eghlieqi b' filata gebel moghttija bi zkuk tas-sigar kontra l-volonta' tal-kwerelanti, fil-kawza civili t-talba kienet wahda ghal kollox differenti w cioe' biex tigi diviza l-**

**ghalqa li jokkupa l-appellant billi gie premess li hu ghandu nofs indiviz minnha w l-atturi kellhom nofs indiviz iehor. F' dik il-kawza civili gie eventwalment deciz (fol.169 tal-process) li l-konvenut ma kienx il-legittimu kontradittur ghax lanqas biss kien il-proprjetarju tal-imsemmija ghalqa *pro indiviso,* kif kien gie premess fic-citazzjoni mill-atturi, imma kien biss qed jiddetjeni l-ghalqa bi qbiela.**

**F' kull kaz din id-decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili b' ebda mod ma ssahhah jew tikkonvalida l-att tal-appellant, ghall-fini tal-proceduri kriminali, kif donnu qed jippretendi l-appellant fir-rikors tal-appell, ghaliex, anki jekk kellu xi pretensjoni - valida jew mhix - li jista' jaghalaq access ghall-moghdija ezistenti, dan ma setax jaghmlu billi jiehu l-ligi b' idejh imma, se mai, jmissu rrikorra ghall-opera ta' *magisterium* ossia tal-Qorti kompetenti, b'azzjoni negatorja w okkorrendo b' mandati kawtelatorji w ezekuttivi opportuni.**

Ghalhekk taht kull aspett l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tiddeciedi li ma tissoprassjedix u tkompli bil-kawza kriminali. Konsegwentement l-ewwel aggravju qed jigi respint.

**Ikkonsidrat;**

**Illi mbaghad ghal dak li jirrigwarda l-aggravju dwar il-mertu tal-kaz, kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, l-elementi kostituttivi tar-reat ta' "*ragion fattasi*" taht l-art.85 tal-Kodici Kriminali huma erbgha u cioe' :-**

**(a) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li tkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni, espressa jew prezunta, ta' dan il-hadd iehor;**
**(b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt ;**
**(c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "*di privato braccio*" dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika ; u**

**(d) n-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (Ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia" **[17.2.95],** "Il-Pulizija vs. Reno Micallef" **[6.6.95], "**Il-Pulizija vs. Mark John Schembri" **[18.9.2002] , "I**l-Pulizija vs. Michael Lungaro et." **[15.5.2003],** "Il-Pulizija vs. Guido Attard**" [18.6.2001] u ohrajn )**

**L-Ewwel Qorti korrettement strahet fuq dawn il-kriterji biex stabiliet jekk jirrikorrux l-elementi tar-reat dedott f' dan il-kaz u ghamlet l-apprezzament taghha tal-provi fid-dawl ta' dawn l-rekwiziti w elementi tar-reat.**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi ghal dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi traskritti li saru quddiem l-Ewwel Qorti, hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94;** "Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi " **[14.2.1989]; I**l-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991] ;** "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn .)**

**Din il-Qorti ghalhekk ghamlet l-ezami approfondit tal-provi traskritti. Minn dawn il-provi johrog car Illi ma**

**hemmx dubju li rrizulta li qabel ma l-appellant ghalaq il-moghdija bil-gebel u biz-zkuk, il-kwerelanti kienu jgawdu access minn din il-moghdija w li bl-att estern tal-appellant, il-kwerelanti gew spoljati mid-dritt ta' dan l-access li qabel kienu jgawdu. Jirrizulta ukoll li l-oppozizzjoni tal-kwerelanti ghall-att spoljattiv kien espress u, anki kieku ma kienx, l-appellant seta' facilment jipprezumieh fic-cirkostanzi. Illi anki jekk l-appellant kien genwinament jemmen li kellu d-dritt li jista' jaghalaq l-imsemmija moghdija u li kien qed jezercita dan id-dritt, dan proprju jikkostitwixxi t-tieni element tar-reat kif fuq intqal. Illi jirrizulta ukoll li l-appellant kien ben koxjenti li qed jiehu l-ligi b' idejh u li qed jaghmel "*di braccio privato*" dak li suppost kellu jitlob li jsir mill-qrati. Illi l-fatt li jidher li seta' kellu titolu ta' qbiela fuq parti mir-raba, mbaghad ma kienx jintitolah li jaghalaq l-access li kien gawdut minn terzi fuq l-istess raba ghax id-detenzjoni ta' immobbli, sija b'titolu ta' proprjeta' assoluta jew taht kull titolu iehor reali u personali jista' dejjem ikun soggett ghall xi servitu' favur terzi bhal ma hu d-dritt ta' passagg minn raba ghal fuq raba iehor, kif inhu f' dal-kaz.**

**Ghalhekk din il-Qorti tara li fuq il-provi rakkolti mill-perit tal-Qorti, l-Ewwel Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni ta' l-htija tal-appellant kif ghamlet u din il-Qorti ma tara li hemm ebda raguni kwalsiasi ghaliex ghandha tiddisturba din il-konkluzzjoni. Anzi taqbel pjenament maghha w tikkondividiha. Ghalhekk anki l-appell fil-mertu qed jigi respint.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi fis-sentenza appellata l-appellant gie ukoll ordnat li jizblokka l-fetha bejn ir-raba kif imsemmija fic-citazzjoni u jhalli fetha ta' tlitt piedi wisgha b' hajt tas-sejjiegh fuq kull naha, sabiex jaghti access liberu lill-kwerelanti u dana b' Lm2 ammenda kulljum fin-nuqqas. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti din l-ahhar ordni,**

**ghalkemm legalment valida fil-principju skond l-artikolu 377 (3), trid tigi modifikata f'dettall wiehed.**

**Meta saret il-kwerela, din ma saritx fuq il-fatt li aktar qabel l-appellant kien wessa' l-fetha biex ikun jista' jghaddi bi truck, fatt li ma jidhirx li kien hemm xi oppozizzjoni dwaru mill-kwerelanti, imma saret ghaliex u meta l-appellant imblokka din il-fetha b' filata gebel u biz-zkuk tas-sigar. Kien dan l-ahhar att li kien l-att spoljattiv li ta' lok ghall-azzjoni kriminali odjerna w ghalhek meta l-Ewwel Qorti ghaddiet biex taghmel l-ordni taht l-art. 377 (3) ghar-ripristinazzjoni w ghat-tnehhija tal-inkonvenjent, kien imissha llimitat ruha biss ghat-tnehhija tal-inkonvenjent kreat bl-att spoljattiv inkriminat u mhux tordna li jsiru affarijiet li dwarhom qatt ma ttiehdet azzjoni mill-kwerelanti. Ghalhekk l-ordni kellu jkun limitat u cirkoskritt ghat-tnehhija tal-filata, jew ahjar ringiela, gebel bi zkuk fuqhom li jidhru fir-ritratt esebit a fol.53 tal-process u li kienu r-*raison d' etre* ta' din il-kawza. Ghalhekk dan l-aggravju hu in parti gustifikat .**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fl-intier taghha ghajr ghall-parti fejn ipprefiggiet terminu ta' xahar li fih l-appellant ghandu jizblokka l-fetha bejn ir-raba kif imsemmija fic-citazzjoni w ihalli fetha ta' tlitt piedi wisa' b' hajt tas-sejjiegh fuq kull naha sabiex jaghti access liberu lil kwerelanti w minnflok tordna li ghandu jhalli l-fetha libera w fl-istat li kienet qabel ma bdew il-proceduri odjerni u dan billi jnehhi l-filata jew ringiela gebel u zkuk fuqhom, li hu kien ghamel u dana fl-istess terminu ta' xahar, li pero' ghandu jibda' jiddekorri mill-lum u dana taht penali t' ammenda ta' zewg liri Maltin (LM2) kulljum, fin-nuqqas li jaghmel dan.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------